31999R1267

26.6.1999 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 161/73

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1267/1999 ta' l-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi kull Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 dwar dan,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([4]),

(1) Billi l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu tat-12 u 13 ta' Diċembru 1997 jipprovdu għal strateġija ta' qabel l-adeżjoni mtejba għall-pajjiżi applikanti ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, u kull strateġija ta' qabel l-adeżjoni speċifiku għal Ċipru;

(2) Billi l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu tat-12 u 13 ta' Diċembru 1997 jipprovdu li l-għajnuna li għaliha hemm provdut f'dan ir-Regolament għalissa għandha tingħata lill-10 pajjiżi applikanti ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant;

(3) Billi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 622/98 tas-16 ta' Marzu 1998 dwar għajnuna lill-pajjiżi applikanti fil-qafas ta' l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni, u b'mod partikolari dwar l-istabbiliment ta' *Partnerships* għall-Adeżjoni ([5]), jipprovdi li dawk il-*Partnerships* għandhom jikkomprendu struttura waħda għall-inħawi ta' prijorità u kull riżors disponibbli għal għajnuna ta' qabel l-adeżjoni;

(4) Billi l-istrateġija ta' qabel id-dħul tinkludi provvediment għal kull Strument għal Politika Strutturali għal qabel l-adeżjoni (ISPA), li jkun dirett lejn l-allinjament ta' pajjiżi applikanti għall-*istandards* infrastrutturali tal-Komunità u jipprovdi għal kull kontribuzzjoni finanzjarja għal miżuri ambjentali, u miżuri ta' infrastruttura tat-trasport;

(5) Billi għajnuna mill-Komunità taħt l-ISPA, flimkien ma' għajnuna mill-Komunità taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3906/89 tat-18 ta' Diċembru 1989 dwar għajnuna ekonomika lir-Repubblika ta' l-Ungerija u r-Repubblika Popolari tal-Polonja ([6]), u għajnuna mill-Komunità taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999 ta' l-21 ta' Ġunju 1999 dwar għajnuna tal-Komunità għal miżuri ta' qabel l-adeżjoni għal żvilupp agrikolu u rurali fil-pajjiżi applikanti ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni ([7]) għandha tkun koordinata fi ħdan il-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1266/1999 ta' l-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-koordinament ta' għajnuna lill-pajjiżi applikanti fil-qafas ta' l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3906/89 ([8]) u għandha tkun bla ħsara għad-dispożizzjonijiet kondizzjonali tar-Regolament (KE) Nru 622/98 u tad-deċiżjonijiet individwali dwar Partnerships għall-Adeżjoni;

(6) Billi l-għan għandu jkun li jintlaħaq bilanċ ugwali bejn finanzjament għal miżuri ta' infrastruttura ta' trasport u finanzjament għal miżuri ambjentali, filwaqt li jingħata każ tas-sitwazzjonijiet speċifiċi fil-pajjiżi benefiċjarji;

(7) Billi l-għajnuna tal-Komunità taħt l-ISPA għandha tiffaċilita l-implimentazzjoni mill-pajjiżi applikanti ta' l-acquis communautaire fil-qasam ta' l-ambjent u tikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli f'dawn il-pajjiżi;

(8) Billi d-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 dwar linji gwida

([1]) ĠU C 164, tad-29.5.1998, p. 4.
([2]) Opinjoni mogħtija fis-6 ta' Mejju 1999 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU C 407, tat-28.12.1998.
([4]) ĠU C 373, tat-2.12.1998.
([5]) ĠU L 85, ta' l-20.3.1998, p. 1.
([6]) ĠU L 375, tat-23.12.1989, p. 11. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 753/96 (ĠU L 103, tas-26.4.1996, p. 5).
([7]) Ara paġna 87 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([8]) Ara paġna 68 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

tal-Komunità għall-iżvilupp tan-network ta' trasport trans-Ewropew ([1]) tiddeskrivi l-kriterji għal proġetti ta' interess komuni li għandhom ikunu wżati, meta jkun xieraq, sabiex jintgħażlu l-miżuri eliġibbli taħt dan ir-Regolament;

(9) Billi l-Valutazzjoni tal-Ħtiġiet Infrastrutturali tat-Trasport (TINA) mibdija mill-Kunsill għandha tiffaċilita l-proċess sabiex jintagħżlu miżuri ta' prijorità għall-iżvilupp ta' network ta' trasport pan-Ewropew matul il-perjodu ta' qabel l-adeżjoni;

(10) Billi għandu jkun provdut li l-Kummissjoni jkollha l-poter talloka b'kull mod indikattiv bejn il-pajjiżi applikanti r-riżorsi totali tal-Komunità disponibbli għat-tqassim taħt ISPA sabiex tkun iffaċilitata l-preparazzjoni tal-miżuri;

(11) Billi paragrafu 17 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu tat-12 u 13 ta' Diċembru 1997 jipprovdi li sostenn finanzjarju lill-pajjiżi nvoluti fil-proċess ta' tkabbir se jkun msejjes, fl-allokazzjoni ta' għajnuna, fuq il-prinċipju ta' trattament ugwali, indipendentament miż-żmien ta' adeżjoni, b'attenzjoni partikolari tingħata lil pajjiżi fl-aktar bżonn;

(12) Billi r-rati ta' għajnuna mogħtija mill-Komunità taħt l-ISPA għandhom ikunu stabbiliti b'mod li jsaħħu l-effett tar-riżorsi, jippromovu l-kofinanzjament u l-użu ta' egħejjun privati ta' finanzi u jagħtu każ tal-kapaċità tal-miżuri li jiġġeneraw dħul nett sostanzjali;

(13) Billi, f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna tal-Komunita, għandha tkun assigurata trasparenza massima fl-implimentazzjoni ta' għajnuna finanzjarja, u għandhom ikunu applikati kontrolli stretti fl-użu ta' approprjazzjonijiet;

(14) Billi, fl-interess ta' l-amministrazzjoni xierqa ta' l-għajnuna tal-Komunità mogħtija taħt l-ISPA, dispożizzjoni għandha ssir għal metodi effettivi ta' valutazzjoni, sorveljanza, evalwazzjoni u ħidmiet ta' kontroll, li jispeċifikaw il-prinċipju li jirregola l-evalwazzjoni, li jiddefinixxu n-natura ta' u r-regoli li jirregolaw is-sorveljanza, u li istabilixxu l-azzjoni li għandha tittieħed b'risposta għal irregolaritajiet jew nuqqasijiet ta' konformità ma' wieħed mill-kondizzjonijiet stabbiliti meta tingħata għajnuna taħt l-ISPA;

(15) Billi, matul il-perjodu transitorju mill-1 ta' Jannar 1999 sal-31 ta' Diċembru 2001, kull referenza magħmula għall-euro bħala regola ġenerali għandha tinqara wkoll bħala referenza għall-*euro* bħala unità monetarja bħal kif hemm fl-Artikolu 2, tieni sentenza, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro ([2]);

(16) Billi għall-fini ta' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat ta' tmexxija;

(17) Billi l-implimentazzjoni tal-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament se tgħin biex jinkisbu l-għanijiet tal-Komunità; billi t-Trattat ma jipprovdix, għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, poteri minbarra dawk ta' l-Artikolu 308,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjoni u għan

1. L-Istrument għal Politika Strutturali ta' qabel l-adeżjoni, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ISPA" huwa b'dan stabbilit.

ISPA jipprovdi għajnuna bħala kontribuzzjoni għat-tħejjija għall-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tal-pajjiżi applikanti segwenti: Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, Is-Slovakkja u s-Slovenja, minn issa 'l quddiem msejħa "l-pajjiżi benefiċjarji", fil-qasam tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, f'dak li jirrigwarda l-politika ta' l-ambjent u tat-trasport b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna tal-Komunità mogħtija taħt l-ISPA tikkontribwixxi għall-għanijiet stabbiliti fil-*Partnership* għall-Adeżjoni għal kull pajjiż benefiċjarju u għal programmi nazzjonali li jikkorrespondu għat-titjib ta' l-ambjent u ta' *networks* ta' infrastruttura tat-trasport.

Artikolu 2

Miżuri eliġibbli

1. L-għajnuna tal-Komunità iffinanzjata taħt l-ISPA tinkludi proġetti, stadji ta' kull proġett li huma teknikament u

([1]) ĠU L 228, tad-9.9.1996, p. 1.

([2]) ĠU L 139, tal-11.5.1998, p. 1.

finanzjarjament indipendenti, gruppi ta' proġetti jew skemi ta' proġetti fil-qasam ta' l-ambjent jew trasport, minn issa 'l quddiem ilkoll referuti bħala "miżuri". Kull stadju ta' proġett jista' jkopri wkoll studji preliminari, studji ta' fattibilità u studji tekniċi meħtieġa sabiex jitwettaq kull proġett.

2. Il-Komunità tipprovdi għajnuna taħt l-ISPA fid-dawl ta' l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għal dawn li ġejjin:

(a) miżuri ambjentali li jippermettu l-pajjiżi benefiċjarji jikkonformaw mal-ħtiġiet tal-liġi ambjentali tal-Komunità u ma' l-għanijet tal-*Partnerships* għall-Adeżjoni;

(b) miżuri ta' infrastruttura tat-trasport li jippromovu mobilità sostenibbli, u b'mod partikolari dawk li jikkostitwixxu proġetti ta' interess komuni msejsa fuq il-kriterji tad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE u dawk li jippermettu l-pajjiżi benefiċjarji jikkonformaw ma' l-għanijet tal-*Partnerships* għall-Adeżjoni; dan jinkludi interkonnessjoni u interoperabilità ta' *networks* nazzjonali kif ukoll ta' *networks* trans-Ewropej flimkien ma' l-aċċess għal dawn in-*networks*.

Il-miżuri għandhom ikunu ta' kull skala suffiċjenti tali li jkollhom kull mpatt sinjifikanti fil-qasam tal-ħarsien ta' l-ambjent jew fit-titjib ta' *networks* ta' infrastruttura tat-trasport. L-ispiża totali ta' kull miżura fil-prinċipju ma tkunx ta' inqas minn 5 miljun Euro. F'każijiet hekk iġġustifikati, meta titqies kull ċirkostanzi speċifika kkonċernata, in-nefqa totali ta' kull miżura tista' tkun inqas minn 5 miljun Euro.

3. Kull bilanċ għandu jintlaħaq bejn miżuri fil-qasam ta' l-ambjent u miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' l-infrastruttura tat-trasport.

4. Għajnuna tista' tingħata wkoll għal:

(a) studji preliminari li għandhom x'jaqsmu ma' miżuri eliġibbli, li jinkludu dawk meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom, u

(b) miżuri ta' sostenn tekniku, li jinkludi informazzjoni u azzjonijiet pubbliċitarji, b'mod partikolari:

(i) miżuri orizzontali bħal studji komparattivi sabiex ikun valutat l-impatt ta' għajnuna tal-Komunità;

(ii) miżuri u studji li jikkontribwixxu għall-istima, monitoraġġ, evalwazzjoni jew kontroll ta' proġetti u sabiex isaħħu u jassiguraw il-koordinazzjoni w konsistenza ta' proġetti mal-Partnerships għall-Adeżjoni, u

(iii) miżuri u studji sabiex jassiguraw l-immaniġġjar u l-implimentazzjoni effettiva ta' proġetti u sabiex isir kull aġġustament meħtieġ.

Artikolu 3

Riżorsi finanzjarji

L-għajnuna Komunitarja taħt l-ISPA tingħata matul il-perjodu mill-2000 sa 2006.

L-approprjazzjonijiet annwali jkunu awtorizzati mill-awtorità li għandha x'taqsam ma' l-estimi fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

Artikolu 4

Allokazzjoni indikattiva

Kull allokazzjoni indikattiva bejn pajjiżi benefiċjarji ta' l-għajnuna Komunitarja totali taħt l-ISPA ssir mill-Kummissjoni, li taġixxi b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14, fuq il-bażi tal-kriterji ta' popolazzjoni, per ċapita GDP f'parità ta' saħħa ta' akkwist u medda ta' art.

Din l-allokazzjoni tista' tkun aġġustata sabiex tagħti każ tar-riżultati miksuba fi snin ta' qabel minn kull wieħed mill-pajjiżi benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' l-ISPA. Jingħata każ xieraq ukoll għad-defiċjenzi rispettivi tal-pajjiżi f'infrastruttura ta' l-ambjent u tat-trasport.

Artikolu 5

Kompatibilità mal-politika tal-Komunità

1. Miżuri ffinanzjati mill-Komunità taħt l-ISPA għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Patti tal-Ftehim Ewropew, li jinkludu r-regoli ta' l-implimentazzjoni pplikazzjoni għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar għajnuna mill-Istat, u għandhom jikkontribwixxu għat-twettiq ta' politika tal-Komunità, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien u titjib ta' l-ambjent, trasport u *networks* trans-Ewropej.

2. Il-Kummissjoni tassigura koordinazzjoni u konsistenza bejn miżuri sottoskritti skond dan ir-Regolament u miżuri sottoskritti permezz ta’ kontribuzzjonijiet mill-buġet tal-Komunità, inklużi kontribuzzjonijiet minn inizjattivi tal-Komunità għal kooperazzjoni bejn il-fruntjieri transnazzjonali u interreġjonali, il-ħidmiet tal-Bank Ewropew ta’ l-Investiment (BEI), inkluż permezz tal-faċilità tiegħu ta’ qabel l-adeżjoni kif ukoll ta’ l-instrumenti finanzjarji l-oħra tal-Komunità u tinforma lill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 iżjed ’l isfel.

3. Il-Kummissjoni għandha tfittex koordinazzjoni u konsistenza bejn miżuri meħuda fil-pajjiżi benefiċjarji kif previst b’dan ir-Regolament u l-ħidmiet tal-Bank Ewropew għal Rikostruzzjoni u Żvilupp (EBRD), il-Bank Dinji u l-istituzzjonijiet finanzjarji oħra simili u tinforma lill-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 14 iżjed ’l isfel.

Artikolu 6

Forom u rati ta’ għajnuna

1. Għajnuna tal-Komunità taħt l-ISPA tista’ tieħu l-forma ta’ għajnuna diretta li ma titħallasx lura, għajnuna li għandha titħallas lura jew kull forma oħra ta’ għajnuna.

Għajnuna mħallsa lura lill-awtorità responsabbli għall-amministrazzjoni jew lil awtorità pubblika oħra tkun applikata mill-ġdid għall-istess għan.

2. Ir-rata ta’ għajnuna tal-Komunità mogħtija taħt l-ISPA tista’ tilħaq sa 75 % ta’ l-ispiża pubblika jew spiża ekwivalenti, inkluż spiża minn korpi li l-attivitajiet tagħhom huma sottoskritti f’qafas amministrattiv jew legali li minħabba fih jitqiesu bħala ekwivalenti għal korpi pubbliċi. Il-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi, b’mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14, li żżid din ir-rata sa 85 %, b’mod partikolari meta tikkonsidra li rata ogħla minn 75 % tkun meħtieġa għat-twettieq ta’ proġetti essenzjali sabiex jinkisbu l-għanijiet ġenerali ta’ l-ISPA.

Ħlief għall-każ ta’ għajnuna li jitħallas lura jew fejn ikun hemm interess sostanzjali tal-Komunità, ir-rata ta’ għajnuna titnaqqas sabiex tagħti każ ta’:

(a) d-disponibbilità ta’ kofinanzjament;

(b) il-kapaċità tal-miżura li tiġġenera dħul, u

(ċ) kull applikazzjoni xierqa tal-prinċipju li min iħammeġ iħallas.

3. Miżuri li jiġġeneraw dħul b’mod konformi mal-paragrafu 2(b) ikunu dawk li għandhom x’jaqsmu ma:

(a) infrastruttura li l-użu tiegħu jinvolvi ħlas minn dawk li jużawha;

(b) investimenti produttivi fis-settur ta’ l-ambjent.

4. Studji preliminari u miżura ta’ sostenn tekniku, jistgħu jkunu ffinanzjati eċċezzjonalment b’100 % ta’ l-ispiża totali.

L-ispiża totali mwettqa fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew f’isem il-Kummissjoni b’mod konformi ma’ dan il-paragrafu ma tistax taqbeż 2 % ta’ l-allokazzjoni totali għall-ISPA.

Artikolu 7

Stima u approvazzjoni ta’ miżuri

1. Il-Kummissjoni tadotta deċiżjonijet dwar il-miżuri li jkunu ffinanzjati taħt l-ISPA b’mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.

2. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jissottomettu applikazzjonijiet għal għajnuna lill-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni tista’ tagħti għajnuna b’mod konformi mal-Artikolu 2(4) fuq inizjattiva tagħha stess, fejn ikun hemm interess tal-Komunità li jipredomina.

3. L-applikazzjonijiet għandu jkun fihom:

(a) l-informazzjoni mniżżla fl-Anness I;

(b) kull informazzjoni relevanti li tagħti prova li l-miżuri jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament u mal-kriterji mniżżla fl-Anness II, u b’mod partikolari li hemm benefiċċji ekonomiċi u soċjali għal żmien medju proporzjonat mar-riżorsi wżati.

4. Malli tirċievi kull applikazzjoni għall-għajnuna u qabel ma’ tapprova kull miżura, il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni fil-fond sabiex tivverifika l-konformità tal-miżura mal-kriterji mniżżla fl-Anness II.

5. Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw miżuri jistabbilixxu l-ammont ta’ għajnuna finanzjarja u jistabilixxu kull pjan ta’ finanzjament flimkien ma’ kull dispożizzjoni u kondizzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-miżuri.

6. L-għajnuna konġunta taħt l-ISPA u għajnuna oħra tal-Komunità għal kull miżura m'għandhiex taqbeż 90 % ta' l-ispiża totali relatata ma' dik il-miżura.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli komuni għall-eliġibilità ta' infiq b'mod konformi mal-proċedura stabbilita skond fl-Artikolu 14.

Artikolu 8

Impenji u ħlasijiet

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta infiq taħt l-ISPA b'mod konformi mar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġet ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej fuq il-bażi tal-memorandum ta' finanzjament li jrid jiġi mfassal bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż benefiċjarju.

Madankollu, impenji baġetarji annwali f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna mogħtija għal miżuri għandhom jitwettqu f'wieħed miż-żewġ modi segwenti:

(a) impenji li jikkonċernaw il-miżuri li għalihom saret referenza fl-Artikolu 2(2) li għandhom jitwettqu tul perjodu ta' sentejn jew aktar, bħala regoli ġenerali u bla ħsara għal punt (b), ikunu realizzati bi ħlasijiet annwali bin-nifs.

    L-impenji relattivi għall-ewwel ħlas annwali bin-nifs isiru meta jiġi mfassal il-memorandum ta' finanzjament. Impenji li jirrigwardaw ħlasijiet annwali bin-nifs sussegwenti jkunu bbażżati fuq il-pjan finanzjarju tal-bidu jew rivedut għall-miżura u fi prinċipju jingħataw fil-bidu ta' kull sena finanzjarja u mhux aktar tard mill-1 ta' April tas-sena in kwistjoni skond in-nefqa mbassra għal din is-sena;

(b) għal miżuri b'durata ta' inqas minn sentejn jew li għalihom l-għajnuna tal-Komunitàma taqbiżx l-20 miljun Euro l-ewwel impenn sa 80 % ta' l-għajnuna mogħtija tista' sseħħ meta jkun imfassal il-memorandum ta' finanzjament. Il-bqija jkun imwiegħed bla ħsara għall-istat ta' l-implimentazzjoni tal-miżura.

2. Ħlief għal każijiet hekk ġustifikati, għajnuna mogħtija għal kull miżura fejn ma jkunx inbeda xogħol sostanzjali fiż-żmien kontrattwali speċifikat tkun ikkanċellata.

3. Ħlasijiet ta' għajnuna finanzjarja għal miżuri jistgħu jieħdu l-forma jew ta' ħlasijiet bil-quddiem jew ta' ħlasijiet immedjati jew ħlasijiet ta' bilanċ f'dak li għandu x'jaqsam ma' infiq iċċertifikat u li fil-fatt ikun intefaq.

Il-Kummissjoni tadotta regoli ddettaljati dwar ħlasijiet b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.

4. Id-dettalji tal-mekkaniżmu tal-ħlas għal miżuri jkunu stabbiliti fil-memorandum ta' finanzjament ma' kull pajjiż benefiċjarju.

Artikolu 9

Tmexxija u kontroll

1. Il-Kummissjoni titlob lill-pajjiżi benefiċjarji:

(a) li jistabbilixxu sa mill-1 ta' Jannar 2000 u f'kull każ mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2002, sistemi ta' tmexxija u kontroll li jassiguraw:

    (i) l-implimentazzjoni xierqa ta' l-għajnuna mogħtija taħt dan ir-Regolament b'mod konformi mal-prinċipji ta' tmexxija finanzjarju tajjeb,

    (ii) is-separazzjoni tal-funzjonijiet ta' tmexxija u kontroll,

    (iii) li dikjarazzjonijiet ta' infiq ippreżentati lill-Kummissjoni jkunu eżatti u li joriġinaw minn sistemi ta' kontijiet ibbażati fuq dokumenti li jsostnuhom li huma miftuħa għal verifika;

(b) li jivverifikaw fuq kull bażi regolari li l-miżuri ffinanzjati mill-Komunità ġew mwettqa sew;

(ċ) ma jħallux li jkun hemm irregolaritajiet u jieħdu azzjoni kontrihom;

(d) li jirkupraw kull ammont mitluf b'riżultat ta' kull irregolarità jew negliġenza.

2. Mingħajr preġudizzju għal kontrolli mwettqa minn pajjiżi benefiċjarji, il-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri jistgħu, permezz ta' l-impjegati tagħhom jew rappreżentanti hekk awtorizzati, iwettqu verifiki tekniċi tal-kontijiet jew finanzjarji fuq il-post, inkluż kontrolli ta' kampjuni u verifiki tal-kontijiet finali.

3. Id-dispożizzjonijiet dettaljati li jimplimentaw il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 jidhru fil-memorandum ta' finanzjament, flimkien ma' arranġamenti għal kooperazzjoni u għal koordinazzjoni ta' programmar u metodoloġija ta' kontroll bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż benefiċjarju. Il-Kummissjoni tinforma lill-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 14 iżjed 'l isfel.

4. Il-memorandum ta' finanzjament għandu jkun fih ukoll dispożizzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mat-tnaqqis, sospensjoni u kanċellament ta' għajnuna meta l-implimentazzjoni ta' kull miżura ma tiġġustifikax parti mill-għajnuna jew l-għajnuna kollha allokata.

5. Hi u timplimenta dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jinżammu l-prinċipji ta' tmexxija finanzjarju tajjeb, b'referenza partikolari f'dak li jirrigwarda l-elementi stabbiliti fl-Anness III.

Artikolu 10

L-użu ta' l-euro

1. L-ammonti fl-applikazzjonijiet għal għajnuna, flimkien mal-pjan ta' finanzjament relevanti, ikunu mfissra f'euro.

2. L-ammonti ta' għajnuna u l-pjanijiet ta' finanzjament approvati mill-Kummissjoni jkunu mfissra f'euro.

3. Dikjarazzjonijiet ta' infiq li jsostnu l-applikazzjonijiet għal ħlas korrispondenti jkunu mfissra f'euro.

4. Ħlasijiet ta' għajnuna finanzjarja mill-Kummissjoni jsiru f'euro lill-awtorità nominata mill-pajjiż benefiċjarju biex tirċievi dawn il-ħlasijiet.

Artikolu 11

Sorveljanza u evalwazzjoni ex-post

Il-pajjiżi benefiċjarji u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li l-implimentazzjoni ta' miżuri taħt dan ir-Regolament tkun sorveljata u evalwata b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet fl-Anness IV.

Artikolu 12

Rapport annwali

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta kull rapport annwali dwar għajnuna tal-Komunità mogħtija taħt l-ISPA lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Ir-rapport annwali jkun fih l-informazzjoni mniżżla fl-Anness V.

Il-Parlament Ewropew jagħti opinjoni dwar ir-rapport fi żmien tlett xhur. Il-Kummissjoni tirraporta dwar il-mod kif ittieħed każ ta' dik l-opinjoni.

Il-Kummissjoni għandha tassigura li l-pajjiżi benefiċjarji jkunu informati regolarment bl-attivitajiet ta' l-ISPA.

Artikolu 13

Informazzjoni u pubbliċità

1. Il-pajjiżi benefiċjarji responsabbli għall-implimentazzjoni ta' miżuri li għalihom il-Komunità tat għajnuna finanzjarja taħt l-ISPA għandhom jassiguraw li tingħata pubbliċità adekwata lill-miżura sabiex:

(a) tagħmel il-pubbliku ġenerali konxju mir-rwol tal-Komunità fir-rigward tal-miżuri;

(b) tagħmel benefiċjarji potenzjali u organizazzjoniet professjonali konxji mill-possibilitajiet provduti mill-miżuri.

Pajjiżi benefiċjarji jassiguraw, b'mod partikolari, li jkunu mwaqqfa pannelli ta' wiri li jkunu jidhru direttament li juru li l-miżuri qed ikunu ko-finanzjati mill-Komunità, flimkien mal-logo tal-Komunità, u li rappreżentanti ta' l-istituzzjonijet tal-Komunità jkunu nvoluti kif dovut fl-attivitajiet pubbliċi l-aktar importanti li jkollhom x'jaqsmu ma' l-għajnuna tal-Komunità mogħtija taħt l-ISPA.

Għandom jinformaw lill-Kummissjoni kull sena bl-inizjattivi meħuda taħt dan il-paragrafu.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar informazzjoni u pubbliċità skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.

Għandha tinforma lill-Parlament Ewropew dwar dan u tippubblikahom fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 14

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat ta' tmexxija magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni, minn issa 'l quddiem msejjaħ bħala "il-Kumitat". Il-Bank Ewropew ta' Investiment jaħtar rappreżentant mingħajr dritt tal-vot.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz, f'terminu ta' żmien

li l-President jista' jistabilixxi, skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha tingħata mill-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 205(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill jkun marbut jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat ikunu mwieżna bil-mod kif stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-President ma jivvotax.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li japplikaw immedjatament.

(b) Madankollu, jekk dawn il-miżuri ma jkunux konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat, għandhom ikunu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill mal-ewwel. F'dak il-każ:

— Il-Kummissjoni tiddiferixxi l-applikazzjoni tal-miżuri li tkun iddeċidiet għal perjodu li għandu jkun stabbilit f'kull att adottat mill-Kunsill iżda li m'għandu fl-ebda każ jaqbeż tlett xhur mid-data tal-komunika,

— il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fit-terminu ta' żmien msemmi fl-inċiż preċedenti.

4. Il-Kumitat jista' jeżamina kull kwistjoni relatata ma' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li titpoġġa quddiemu mill-President tagħha, inkluż fuq talba tar-rappreżentant ta' kull Stat Membru.

5. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'kull maġġoranza kwalifikata.

Artikolu 15

Allokazzjoni mill-ġdid ta' riżorsi

Mal-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea, kull pajjiż jitlef il-jedd tiegħu għal għajnuna taħt dan ir-Regolament. Riżorsi li kienu disponibbli minħabba li kull pajjiż applikant ikun ser jidħol fl-Unjoni Ewropea ikunu allokati mill-ġdid lil pajjiżi applikanti oħra elenkati fl-Artikolu 1(1). Allokazzjoni mill-ġdid tkun ibbażata fuq il-ħtieġa u kapaċità ta' pajjiżi applikanti li jassorbixxu l-għajnuna u fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4.

Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq kull proposta mill-Kummissjoni, jieħu kull deċiżjoni li jiddefinixxi l-impostazzjoni ġenerali għal allokazzjoni mill-ġdid.

Fid-dawl tad-deċiżjoni li għaliha saret referenza fit-tieni paragrafu meħuda mill-Kunsill, il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar l-allokazzjoni mill-ġdid ta' riżorsi disponibbli bejn il-benefiċjarji l-oħra b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.

Artikolu 16

Dispożizzjonijiet finali u transizzjonali

Il-Kunsill, li jaġixxi fuq kull proposta mill-Kummissjoni, jerġa jeżamina mill-ġdid dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2006. Għandu jaġixxi fuq il-proposta b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 308 tat-Trattat.

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*..

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli f'kull Stat Membru.

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Ġunju 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

G. VERHEUGEN

L-ANNESS I

Kontenut ta' l-applikazzjonijiet (L-Artikolu 7(3)(a))

L-Applikazzjonijiet għandu jkun fihom l-informazzjoni segwenti:

1. l-isem tal-korp responsabbli għal implimentazzjoni, n-natura tal-miżura u kull deskrizzjoni dwar dan;

2. l-ispiża u post tal-miżura, inkluż, meta jkun xieraq, kull indikazzjoni ta' l-interkonnessjoni u interoperabilità ta' miżuri oħra lokalizzati fuq l-istess fus tat-trasport;

3. l-iskeda ta' l-implimentazzjoni tax-xogħol;

4. analiżi tal-spejjeż u l-benefiċċji, inkluż ta' l-effetti diretti w indiretti fuq l-impieg kwantifikati safejn jistgħu jkunu kkwantifikati;

5. valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali bħal dan għall-valutazzjoni provduta fid-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju dwar il-valutazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (1);

6. informazzjoni dwar konformità mal-liġi tal-kompetizzjoni u r-regoli fuq kuntratti pubbliċi;

7. il-pjan finanzjarju li jinkludi, meta jkun possibbli, informazzjoni dwar il-viabilità tal-miżura, u l-finanzjament totali li l-pajjiż benefiċjarju jkun qed ifittex mill-ISPA, mill-EIB inkluż il-faċilità tiegħu ta' qabel l-adeżjoni u minn kull sors ieħor tal-Komunità jew Stat Membru, mill-EBRD u mill-Bank Dinji;

8. il-kompatibilità ta' miżuri mal-politika tal-Komunità;

9. informazzjoni dwar l-arranġamenti biex jiġi assigurat l-użu u manteniment effiċjenti ta' faċilitajiet;

10. (miżuri ambjentali) informazzjoni dwar il-post u l-prijorità tal-miżura fi ħdan l-istrateġija ambjentali nazzjonali kif stabbilit fil-programm nazzjonali għall-adozzjoni ta' l-*acquis communautaire*;

11. (miżuri tat-trasport) informazzjoni dwar l-istrateġija ta' żvilupp tat-trasport nazzjonali u l-post u prijorità tal-miżuri f'dik l-istrateġija, inkluż il-livell ta' koerenza mal-linji gwida għan-*networks* trans-Ewropej u l-politika dwar it-trasport pan-Ewropew.

---

(1) ĠUL 175, tal-5.7.1985, p. 40. Id-Direttiva kif emendata b'Direttiva 97/11/KE (ĠU L 73, ta' l-14.3.1997, p. 5).

L-ANNESS II

Stima tal-miżuri (L-Artikolu 7(3)(b) u (4))

A. Huma u jiġu stmati l-miżuri, il-kriterji segwenti jiġu applikati sabiex tiġi assigurata l-kwalità għolja tagħhom b'mod konformi mal-Artikolu 2:

1. il-benefiċji ekonomiċi u soċjali tagħhom, inkluż il-potenzjal biex tittieħed azzjoni li sserraħ il-finanzjament privat, li jkunu proporzjonati mar-riżorsi mħaddma; kull stima għandha ssir fid-dawl ta' analiżi ta' spejjeż mal-benefiċċji;

2. l-arranġamenti sabiex ikun assigurat tmexxija effettiv tal-miżuri;

3. il-prijoritajiet stabbiliti fil-*Partnerships* għall-Adeżjoni għall-oqsma ta' intervent;

4. il-kontribut li l-miżuri jagħtu għall-implimentazzjoni ta' politika tal-Komunità dwar l-ambjent u r-riżultat tal-valutazzjoni dwar l-impatt ambjentali li għalih hemm referenza fl-Anness I;

5. il-kontribut ta' miżuri għal *networks* trans-Ewropej u għal politika komuni tat-trasport;

6. it-twaqqif ta' bilanċ xieraq bejn l-oqsma ta' l-ambjent u ta' l-infrastruttura tat-trasport;

7. konsiderazzjoni ta' forom alternattivi possibbli ta' finanzjament kif msemmija fl-Artikolu 6.

B. Il-Kummissjoni tista' tistieden lill-EIB, lill-EBRD jew lill-Bank Dinji biex jikkontribwixxu għall-istima ta' miżuri kif ikun hemm bżonn. Il-Kummissjoni teżamina applikazzjonijiet għal għajnuna sabiex tivverifika b'mod partikolari li l-mekkaniżmi amministrattivi u finanzjarji jkunu adekwati għall-implimentazzjoni effettiva tal-miżura.

Ċ. Il-Kummissjoni tivvaluta l-miżuri sabiex tistabbilixxi l-impatt mistenni tagħhom skond l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, billi tuża indikaturi kwantifikati addattati. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jipprovdu kull informazzjoni meħtieġa, kif mniżżla fl-Anness I, inklużi r-riżultati ta' l-istudji ta' fattibilità u stimi tagħhom, kull indikazzjoni ta' alternattiva li ma jkunx ġie segwit u l-koordinazzjoni ta' miżuri ta' interess komuni li jkunu qegħdin fl-istess rotta ta' trasport, sabiex jagħmlu din l-istima effettiva kemm jista' jkun.

L-ANNESS III

Maniġment finanzjarju u kontroll (L-Artikolu 9(5))

1. F'kull pajjiż benefiċjarju, għandha tiġi maħtura entità ċentrali li minnha jkunu mwassla l-fondi tal-Komunità mogħtija taħt l-ISPA.

   Il-kap ta' din l-entità għandu jkollu responsabbiltà sħiħa tat-tmexxija tal-fondi ġewwa l-pajjiż benefiċjarju in kwistjoni.

2. Sistemi ta' tmexxija u kontroll ta' pajjiżi benefiċjarji għandhom jipprovdu kull audit trail li tippermetti, b'mod partikolari, għal:

   — rikonċiljazzjoni tal-kontijiet mqassra ċċertifikati lill-Kummissjoni b'rekords ta' kontijiet u dokumenti li jsostnuhom fil-livelli amministrattivi varji,

   — verifika tat-trasferimenti tal-fondi disponibbli tal-Komunità u fondi oħra,

   — eżami tal-pjanijiet tekniċi u finanzjarji tal-proġett, rapporti ta' kif ikunu għaddejjin, proċeduri ta' tendering u ta' kuntratti fil-livelli amministrattivi varji.

3. Il-proċedura li tkun segwita għall-għotja ta' xogħolijiet, kuntratti ta' provvisti jew servizzi tkun mfissra fil-memorandum ta' finanzjament u tkun tirrispetta l-prinċipji ewlenin stabbiliti fit-Titolu IX tar-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari:

   — miżuri koperti b'kull memorandum ta' finanzjament ikunu implimentati mill-pajjiż benefiċjarju b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, li tibqa tinżamm responsabbli għall-utilizazzjoni ta' approprjazzjonijiet,

   — il-Kummissjoni b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-pajjiż benefiċjarju, tassigura li l-parteċipanti fi proċeduri ta' tendering ikunu jistgħu jikkompetu b'mod ugwali, li ma jkunx hemm diskriminazzjoni u li l-offerta magħżula tkun ekonomikament l-aktar vantaġġjuż.

   Madankollu, b'mod konformi mal-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1266/1999, l-approprjazzjonijiet jistgħu jkunu s-suġġett ta' tmexxija deċentralizzat estiż, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-approvazzjoni ex-ante mill-Kummissjoni ta' ħruġ ta' offerti, l-evalwazzjoni ta' offerti u l-għoti ta' kuntratti u tmexxija finanzjarju.

   Dawn id-dispożizzjonijiet, li għandhom ikunu stabbiliti fil-memorandum ta' finanzjament mal-pajjiż benefiċjarju, għandhom jagħtu każ tat-tmexxija finanzjarju kwantitattiv u kwalitattiv u tal-kapaċità ta' kontroll finanzjarju.

4. Kontrolli finanzjarji interni u esterni xierqa jitwettqu skond livelli ta' verifika aċċettati internazzjonalment mill-awtorità ta' kontroll finanzjarju nazzjonali kompetenti, li għandha tkun indipendenti sabiex twettaq din il-funzjoni. Kull sena jintbagħtu lill-Kummissjoni pjan ta' verifika tal-kontijiet u sommarju tal-konklużjonijiet tal-verifiki mwettqa. Ir-rapporti ta' kontijiet tal-verifika jkunu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni.

   Il-Kummissjoni u l-pajjiż benefiċjarju għandhom jikkooperaw sabiex jikkoordinaw programmi u metodi li għandhom x'jaqsmu ma' verifiki, sabiex ikabbru kemm jista' jkun l-utilità ta' dawk imwettqa.

   Il-pajjiż benefiċjarju għandu jassigura li meta jsiru kontrolli minn uffiċjali tal-Kummissjoni, jew ir-rappreżentanti tagħhom hekk awtorizzati, dawn il-persuni jkollhom id-dritt li jispezzjonaw fuq il-post kull dokumentazzjoni rilevanti u kontijiet ta' oġġetti finanzjati taħt il-memorandum ta' finanzjament. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jgħinu lill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex twettaq kontijiet ta' verifika li jkollhom x'jaqsmu mal-utilizazzjoni ta' fondi mogħtija taħt l-ISPA.

   L-awtoritajiet responsabbli għandhom iżommu disponibbli d-dokumenti li jsostnu l-infieq fuq kull proġett għal kull perjodu ta' ħames snin minn wara li jkun sar l-aħħar ħlas fir-rigward ta' kull proġett.

5. Il-memorandum ta' finanzjament ma' kull pajjiż benefiċjarju jkun fih id-dispożizzjonijiet segwenti għal korrezzjonijiet finanzjarji:

Jekk l-implimentazzjoni ta' kull miżura tidher li ma tiġġustifikax jew parti mill-għajnuna jew l-għajnuna kollha allokata, il-Kummissjoni twettaq eżami xieraq tal-każ, b'mod partikolari titlob lill-pajjiż benefiċjarju li jissottometti l-kummenti tiegħu f'kull perjodu speċifiku ta' żmien u sabiex jikkoreġi kull irregolarità.

Wara l-eżami msemmi li għalih saret referenza fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tnaqqas, tissospendi jew tikkanċella għajnuna li tirrigwarda l-miżuri konċernati jekk l-eżami jikxef irregolarità, kull taħlita improprja ta' fondi jew kull nuqqas ta' konformità ma' waħda mill-kondizzjonijiet fid-deċiżjoni sabiex tingħata għajnuna, u b'mod partikolari kull bidla sinifikanti li taffettwa n-natura jew kondizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-miżura li għaliha ma tkunx ntagħlbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Kull tnaqqis jew kanċellazzjoni ta' l-għajnuna tagħti lok għal irkupru tas-somom imħallsa.

Meta l-Kummissjoni tikkonsidra li kull irregolarità ma tkunx ġiet korretta jew li l-ħidma jew parti minnha ma tiġġustifikax jew l-għajnuna kollha mogħtija lilha jew parti minnha, il-Kummissjoni tagħmel kull eżami xieraq tal-każ u titlob lill-pajjiż benefiċjarju li jissottometti l-kummenti tiegħu f'kull żmien speċifikat. Wara l-eżami, jekk ma jkunu ttieħdu l-ebda miżuri korrettivi mill-pajjiż benefiċjarju, il-Kummissjoni tista:

(a) tnaqqas jew tikkanċella kull ħlas bil-quddiem;

(b) tikkanċella kull għajnuna jew parti minnha ta' l-assistenza mogħtija.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammont ta' kull korrezzjoni filwaqt li tagħti każ tan-natura ta' l-irregolarità u d-daqs ta' kwalunkwe fallimenti fis-sistemi tat-tmexxija u kontroll. Kull somma li tiġi rkuprata minħabba għotja ta' intitolament mhux dovut titħallas mill-ġdid lill-Kummissjoni. Ma' tali somma għandhom jinżdiedu l-interessi fuq ħlas lura li jsir tard skond l-arranġamenti li jkunu adottati mill-Kummissjoni.

L-ANNESS IV

Sorveljanza u evalwazzjoni ex-post (l-Artikolu 11)

A. Is-sorveljanza għandha ssir permezz ta' proċeduri ta' rapportaġġ miftiehem konġuntivament, kontrolli ta' kampjuni u l-istabbiliment ta' kumitati *ad hoc*. Għandha ssir b'referenza għal indikaturi fisiċi u finanzjarji. L-indikaturi jkollhom x'jaqsmu mal-karattru speċifiku tal-proġett u l-għanijiet tiegħu. Ikunu rranġati b'tali mod sabiex juru l-fażi milħuqa mill-miżura f'dak li għandu x'jaqsam mal-pjan u għanijiet stabbiliti oriġinarjament u l-progress milħuq minn naħa tat-tmexxija u kull problema relatata.

B. Dawn il-kumitati jitwaqqfu b'arranġament bejn il-pajjiż benefiċjarju konċernat u l-Kummissjoni. L-awtoritajiet jew korpi maħtura mill-pajjiż benefiċjarju, il-Kummissjoni u meta jkun il-każ, il-EIB ikunu rappreżentati fil-kumitati. Meta awtoritajiet reġjonali u lokali u impriżi privati jkunu kompetenti għat-twettieq ta' kull proġett u meta kull proġett ikun jikkonċernhom direttament ikunu rappreżentati wkoll fuq dawn il-kumitati.

Ċ. Għal kull miżura, l-awtorità jew organizzazzjoni responsabbli għall-miżura għandha tissottometti rapporti ta' progress lill-Kummissjoni fi żmien tlett xhur mill-aħħar ta' kull sena sħiħa ta' implimentazzjoni.

D. Fuq il-bażi tar-riżultati ta' sorveljanza u wara li tkun tat każ tal-kummenti tal-kumitat ta' sorveljanza, il-Kummissjoni għandha taġġusta l-ammonti u l-kondizzjonijiet għall-għotja ta' għajnuna kif ġiet approvata fil-bidu, kif ukoll tal-pjan ta' finanzjament proġettat, jekk ikun hemm bżonn fuq talba mill-pajjiżi benefiċjarji.

Il-Kummissjoni tiddefinixxi l-arranġamenti xierqa għal dawn l-aġġustamenti filwaqt li tagħmel differenza bejniethom skond in-natura u l-importanza tagħhom.

E. L-awtorità jew korp responsabbli għall-miżura għandha tissottometti rapport finali lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mit-twettiq tal-miżura jew fażi tal-proġett. Ir-rapport finali jkun fih dan li ġej:

1. kull deskrizzjoni tax-xogħol li sar, flimkien ma' indikaturi fisiċi, kwantifikazzjoni ta' infiq skond il-kategorija ta' xogħol u l-miżuri meħuda fir-rigward tal-klawsoli speċifiċi li jinsabu fid-deċiżjoni għall-għotja ta' għajnuna;

2. attestament tal-konformità tax-xogħol mad-deċiżjoni li tagħti għajnuna;

3. l-ewwel valutazzjoni ta' kemm ir-riżultati mistennija ġew milħuqa, inkluż notament:

   (a) id-data effettiva ta' implimentazzjoni tal-miżura;

   (b) kull indikazzjoni tal-mod kif il-miżura ser tkun immaniġġjata ladarba tkun tlestiet;

   (ċ) konferma, jekk ikun xieraq, tat-tbassir finanzjarju, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' spejjeż ta' l-operat u dħul mistenni;

   (d) konferma tat-tbassir soċjo-ekonomiku, speċjalment l-ispejjeż u l-benefiċċji mistennija;

   (e) kull indikazzjoni ta' l-azzjonijiet meħuda sabiex jiġi assigurat il-protezzjoni ta' l-ambjent u l-ispejjeż tagħhom.

4. informazzjoni relatata ma' azzjonijiet pubbliċitarji.

F. Evalwazzjoni ex-post li tkopri l-utilizazzjoni ta' riżorsi u l-effettività u effiċjenza ta' l-għajnuna u l-impatt tagħha. Għandha tkopri l-fatturi li jikkontribwixxu għas-suċċess jew falliment ta' implimentazzjoni ta' miżuri u s-suċċessi u riżultati. Wara li jitlestew il-miżuri, il-Kummissjoni u l-pajjiżi benefiċjarji għalhekk jevalwaw il-mod, inkluż l-użu effiċjenti u effettiv ta' riżorsi, li bihom ġew imwettqa. L-evalwazzjoni tkopri wkoll l-impatt attwali ta' l-implimentazzjoni tagħhom sabiex ikun valutat jekk intlaħqux l-għanijet oriġinali. Din l-evalwazzjoni għandha, inter-alia, tindirizza l-kontribut tal-miżuri magħmula lejn l-implimentazzjoni tal-politika tal-Komunità dwar l-ambjent jew lejn in-*networks* trans-Ewropej u l-politika komuni dwar it-trasport, u tivvaluta wkoll l-impatt ambjentali tal-miżuri.

Ġ. Sabiex l-għajnuna tal-Komunità mogħtija taħt l-ISPA tkun aktar effettiva, il-Kummissjoni għandha tassigura li fl-amministrazzjoni ta' l-ISPA tingħata attenzjoni partikolari għat-trasparenza ta' tmexxija.

H. Ir-regoli dettaljati għal sorveljanza u evalwazzjoni jkunu stabbiliti fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw il-miżuri.

L-ANNESS V

Rapport annwali mill-Kummissjoni (L-Artikolu 12)

Ir-rapport annwali jipprovdi informazzjoni dwar is-segwenti:

1. għajnuna finanzjarja mwegħda u mħallsa mill-Komunità taħt l-ISPA b'kull tqassim annwali mill-pajjiż benefiċjarju skond it-tip ta' proġett (ambjent jew trasport);

2. il-kontribut li l-għajnuna tal-Komunità taħt l-ISPA tat lill-isforzi tal-pajjiżi benefiċjarji sabiex jimplimentaw il-politika ambjentali tal-Komunità u sabiex jiisaħħu n-*networks* ta' infrastruttura ta' trasport transEwropew; il-bilanċ bejn miżuri fil-qasam ta' l-ambjent u miżuri relatati ma' l-infrastruttura tat-trasport;

3. valutazzjoni tal-kompatibilità tal-ħidma ta' l-għajnuna tal-Komunità taħt l-ISPA mal-politika tal-Komunità, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu ma' protezzjoni ambjentali, trasport, kompetizzjoni u l-aġġudikar ta' kuntratti pubbliċi;

4. il-miżuri meħuda sabiex tkun assigurata l-koordinazzjoni u konsistenza bejn miżuri finanzjati permezz ta' l-ISPA u miżuri finanzjati b'kontribuzzjoni mill-buġet tal-Komunità, mill-EIB u mill-istrumenti finanzjarji l-oħra tal-Komunità;

5. l-isforzi ta' l-investiment magħmula mill-pajjiżi benefiċjarji fl-oqsma tal-ħarsien ta' l-ambjent u ta' l-infrastruttura tat-trasport;

6. l-istudji preparatorji u miżuri ta' sostenn tekniku ffinanzjat;

7. ir-riżultati ta' stimi, sorveljanza u evalwazzjoni ta' miżuri, inkluż nformazzjoni dwar kull aġġustamenti ta' miżuri biex ikun hemm qbil mar-riżultati ta' stimi, sorveljanza u evalwazzjoni;

8. il-kontribut ta' l-EIB għall-evalwazzjoni ta' miżuri;

9. sommarju ta' informazzjoni dwar ir-riżultati ta' kontrolli mwettqa, irregolaritajiet misjuba u proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji mħaddma;

10. informazzjoni dwar azzjonijiet pubbliċitarji.